MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 834/1998/1

**Avviz. numru 834/98**

**Numru**

**Swan Laundry and Dry Cleaning Ltd**

**Vs**

**Francis Formosa f'ismu proprio u**
**kif esercenti fin-negozju "Hotel De La Mer"**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat li jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u disghin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu u hames millezmi (Lm690.28,5) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' laundry u dry cleaning u servizzi ohra relatati.

Bl-ispejjez, inkuzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Jannar 1997, oltre ghall-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt personament ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 24 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-konvenut mhuwiex legittimu kontradittur f'din il-kawza, dan ghaliex m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi semmai is-socjeta' attrici kkuntrattat ix-xogholijiet in kwistjoni mal-proprjetarji tal-"Hotel De La Mar' u mhux mal-konvenut Francis Formosa.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-istess konvenut (fol 58 ibid) u li biha eccepixxa ulterjorment u bir-rispett:-

L-azzjoni tal-attur nomine hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif proposta mill-konvenut, a basi tal-artikolu 2156 citat, din <u>presumibilment</u>, qed tirreferi ghas-subinciz (f). Hawnhekk jinghad illi l-azzjonijiet ghal pagament "… of any other debt arising from commercial transactions or other causes …. unless such debt is, under this or any other law, barred by the lapse of a shorter period ……' huma preskritti bit-trapass ta' hames snin.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti mix-xhieda tal-Avukat (Illum Magistrat) <u>Dottor Anthony Vella u l-prospett esebit minnu</u> (fol 32 sa fol 36 tal-atti) l-ammont pretiz fl-avviz u ghas-servizz

hemm specifikat jsir u jkopri l-perijodu mis-6 ta' Awissu 1992 sat-2 ta' Lulju 1993. Kif spjega Joseph Mifsud (fol 38 et seq ibid) illi l-konvenut ma kien hallas xejn minn dak kollu dettaljat fl-istess prospett.

Illi a fol 69 u fol 70 tal-atti tinsab esebita kopja legali ta' ittra ufficjali ippresentata mis-socjeta attrici fit-22 ta' Jannar 1997 kontra l-istess konvenut dwar l-pagament tal-istess ammont pretiz fl-avviz liema ittra ufficjali pero', ma gietx notifikata lill-konvenut ('unclaimed').

Illi l-avviz in esami gie presentat fl-24 ta' April 1998 u l-konvenut gie notifkat permezz tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 citat u dan permezz ta' publikazzjoni fil-harga tal-gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 1999. L-istess konvenut, sussegwentement ippresenta l-imsemmija nota ta' eccezzjonijiet a fol 24 tal-atti u dan fl-20 ta' Mejju 1999.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti, hawnhekk, ikkonsiderat l-artikoli 2128 u 2130 (I) tal-Kodici Civili. Hawnhekk jinghad illi t-trapass tal-perjodu ta' preskrizzjoni hu interrot permezz ta' att gudizzjarju notifikat lid-debitur. Inoltre hu espressament stipulat illi "No interruption takes place if the act is not served before the expiration of one month to be reckoned from the last day of the period of prescription'.

Illi, fil-kaz in desamina irrisulta:-

a) Illi l-ittra ufficjali msemmija qatt ma giet notifikata lill-konvenut.
b) Illi l-avviz in esami gie notifikat kif inghad di gja fl-20 ta' April 1999 f'liema data jidher evidenti li l–perijodu ta' preskrizzjoni ta' hames snin kien di gja skada meta jigu konsiderati d-dati fl-imsemmi prospett.

Illi, ghalhekk, l-eccezzjoni ulterjuri kif proposta ghandha tigi akkolta, tenut kont illi l-artikolu 2151(2) ma jistax jigi applikat fil-kaz in desamina.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in esami u tiddikjara din l-azzjoni bhala estinta.

In rigward l-ispejjes, dawn fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------